MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Numru 583/2003

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**

**KONTRA**

**MARK MONTANARO ta’ 42 sena, iben Paul u Hilda nee’ D’Amato, imwieled l-Imtarfa nhar it-30 ta’ Lulju, 1967, residenti fil-fond numru 125, Flat 2, Triq San Pawl, il-Belt Valletta, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 309767M;**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **MARK MONTANARO** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-28 ta' Gunju, 2003 ghall-habta ta' 3.30pm, gewwa Triq il-Kbira, San Giljan, Balluta, ikkommetta hsara volontarja fuq vettura ta' l-ghamla Ford KA bin-numru tar-registrazzjoni DKA 225 ghad-dannu ta' Joan Montanaro mir-Rahal Gdid, liema hsara tammonta ghall-valur ta' Lm250.47 u dan ai termini ta' l-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-istess akkuzi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-istess;

Rat ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, kif ukoll illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommsarji. (F'dan l-istadju wiegeb illi ma kienx hati).

Rat ix-xhieda ta' l-Ispettur Mario Tonna li qal illi l-imputat apparti li rrilaxxa stqarrija fejn ammetta l-involviment tieghu, DOK MM, a folio 26, l-Ispettur Tonna zied ukoll illi l-imputat hallas id-danni minnu kkagunati fuq il-vettura DKA 225 proprjeta' ta' Joan Montanaro. L-istess Montanaro xehdet in konferma ta' dan.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssib htija ai termini ta' l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Dwar il-piena rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, kif ukoll il-fatt illi hallas id-danni minnu kkagunati – tqis illi m'ghandux ibaghti piena karcerarja ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena(1) mill-lum, u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------